# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' Lulju 2003 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' Awissu 2003 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 7 ta' Settembru 2003 fis-6.00p.m.
   Il-Ħadd 21 ta' Settembru 2003 fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' Ottubru 2003 fil-5.00p.m.
   Ikun hemm trasport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6 A/2, Main Street, Siġġiewi.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud kif ukoll domni u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej:
   http://www.ourladyofconsecration.org

**DIJKARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*



NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 55 LULJU 2003 JITQASSAM BLA ĦLAS



## QUDDIESA FIL-GIRGENTI

Nhar l-Erbgħa 19 ta' Marzu 2003, festa ta' San Ġużepp, mijiet ta' devoti tal-Madonna ipparteċipaw f'quddiesa li qaddes Mons. Amante Buontempo fil-Girgenti.

Waqt l-omelija, Mons. Buontempo qal hekk: "Qed naqħmel dil-quddiesa b'permess speċjali tal-maħbub Arċisqof tagħna, li ried jagħtini warda, li jien se nqiegħed hawn f'riġlejn il-Madonna, biex hi tkattarha u tibqa' twarrad, kif taf u tista' Hi. Irrid li kulħadd jifhem kemm dmugħ xerridt, meta ġejt mgħarraf minn fomm l-Arċisqof innifsu, li dal-permess li nqaddes kien qiegħed jagħtih lili għal darba waħda biss, u ħalla wkoll f'idejja l-għażla tal-jum u l-ħin li nagħżel jien.

Qgħadt naħseb ftit, u tlabt id-dawl minn fuq, u ddeċidejt li l-isbaħ u l-aħjar jum bla telf ta' żmien minħabba l-piż ta' saħħti u ta' xjuħiti, kien dan tal-lum, Solennità ta' San Ġużepp, li fl-istess ħin ismu hu dak ta' Monsinjur Arċisqof, li tagħni dal-permess, biex ma nsemmix ukoll li hu ta' l-istess Ġuża Mifsud, li rabtitni bl-azzar ma' dan il-post qaddis.

M'hemm ebda dubju li San Ġużepp hu l-aktar qaddis qrib ta' Marija u ta' Binha Ġesù, li llum għall-ewwel u għalissa l-aħħar darba se jkun magħna fl-Ewkaristija Mqaddsa, li hija l-qofol tat-Twemmin Nisrani. Sakemm din il-preżenza ta' Ġesù fl-Ewkaristija tkun għadha ma daħlitx fil-laqgħat tagħna, kull laqgħa ta' talb li nagħmlu hawn tkun nieqsa mill-aqwa element tas-siwi tagħha. U issa, wara dan il-ftit kliem ta' daħla fis-suġġett, li għażilt għaċ-ċelebrazzjoni singolari tal-lum, ejjew nippruvaw nifhmu xi ħaġa dwar l-imqaddes Ġużeppi u dwar dak li jgħallimna.

Jien ngħid li hemm dwar Ġużeppi ta' Nazzaret tliet veritajiet storiċi... It-tlieta li huma nafuhom biss mill-Vanġelu... L-Evanġelista San Mattew, wara li tenna l-ġeneoloġija ta' Ġużeppi, temm ir-rakkont tiegħu billi qal: "Ġakobb nissel 'il Ġużeppi, ir-raġel ta' Marija, li minnha twieled Ġesù li jsejħulu Kristu".

Fl-għajnejn ta' qrabatu u ta' xi ftit ħbieb li seta' kellu, Ġużeppi ma kienx ħlief raġel twajjeb, li meta wasal biex jieħu l-istat tiegħu, iżżewweġ lil Marija mill-istess nisel tiegħu... u dan biex isseħħ profezija li kienet tgħid li l-Messija kellu jkun min-nisel ta' David. Din l-ewwel verita' dwar Ġużeppi għandha l-konklużjoni storika tagħha fil-fatt li dan, meta nduna li Marija kien ser ikollha tarbija, li kien jaf li mhix minnu... ried jibgħatha "bil-moħbi tan-nies"... San Mattew dan il-ħabi tan-nuqqas apparenti ta' martu jattribwieh lill-karattru ta' Ġużeppi bħala raġel ġust, li ma riedx ixandarha...

L-akbar verità hi dik li Marija Omm Ġesù, li Ġużeppi bi dritt legali kien żewġha, u għalhekk il-kap tal-familja, ma kinitx xi waħda minn eluf u miljuni ta' nisa, imma l-Imbierka fost in-nisa kollha, l-Immnissla bla Tebgħa, l-Omm vera ta' l-istess Iben t'Alla. Fl-istess Vanġelu ta' San Mattew qrajna l-kliem l-aktar ċar u evidenti ta' l-anġlu tal-Mulej, li deherlu fil-ħolm u qallu: "Ġużeppi, bin David, la tibżax tilqa' għandek lil Marija b'martek, għax dak li tnissel fiha ġie bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu"...

It-tielet verità' toħroġ ċara ħafna mill-aħħar sentenza tas-silta tal-Vanġelu tal-lum. Infatti San Mattew jikkonkludi hekk: "Hi - jiġifieri Marija - jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù". Minn dan joħroġ evidenti li Ġużeppi kellu... l-istess drittijiet u obbligi, li għandu kull missier fuq uliedu... Hawnhekk jiena nara l-kobor ta' l-għaġeb ta' San Ġużepp, li bi dritt legali u leġittimu, l-Iben t'Alla magħmul bniedem kien isejjaħlu missier, u saħansitra joqgħod għall-ordnijiet tiegħu...



Nagħlaq bil-kundizzjoni soċjali ta' Ġużeppi, li bħala umli ħaddiem bis-sengħa ta' mastrudaxxa, kellu l-kompitu li jrabbi 'l Ġesù fi tfulitu, u għalhekk kien l-imgħallem ukoll tiegħu. U allura bil-jedd kollu nistgħu ngħidu li Ġużeppi fl-istess ħin li kellu jgħallem lil Ġesù huwa w jikber bħala bniedem, li kellu jixbaħna f'kollox minbarra fid-dnub, lil Ġużeppi għandna nagħrfuh ukoll bħala l-ewwel dixxiplu ta' Ġesu, Iben t'Alla... hajtu kienet żgur ġabra sħiħa ta' qaddej l-aktar umli tal-Mulej, u ma nistgħux ma nqabbluhx mat-tagħlima siewja u stedina qawwija lilna lkoll: "min irid ikun dixxiplu tiegħi, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu u jimxi warajja."

Ma ninsewx li Ġuża wkoll kellha devozzjoni kbira lejn San Ġużepp. Kienet tgħid li kellha diversi viżjonijiet ta' dan il-qaddis u kien hu stess li qalilha tpoġġi l-istatwa tiegħu fil-Girgenti.

---

## L-4 TA' MEJJU 2003

Fl-4 ta' Mejju 2003, fil-Girgenti, ġie mfakkar is-sbatax-il anniversarju minn meta Ġuża Mifsud tellgħet l-istatwa tal-Madonna hemmhekk. Filfatt il-laqgħa bdiet b'pellegrinaġġ min tarf it-triq il-qadima, eżatt minn fejn sbatax-il sena qabel konna tlajna bl-istatwa tal-Madonna. Matul dan il-pellegrinaġġ, in-nies miġbura mxew wara l-Kurċifiss u l-bandalora tal-Madonna u b'devozzjoni rreċitaw ir-rużarju tat-tbatija li fost intenzjonijiet oħra ġie offrut għall-bżonnijiet tal-proxxmu kollu u għal paċi fid-dinja.

Il-laqgħa kienet indirizzata minn tliet saċerdoti, Mons. Amante Buontempo, Dun Nazzaren Tonna u Fr. Scerri.

**Mons. Amante Buontempo**

Mons. Buontempo fetaħ il-laqgħa bi tliet Ave Marijiet u mbagħad kompla jgħid: "Din il-laqgħa li qed nagħmlu llejla qed nagħmluha skond l-intenzjoni u x-xewqat ta' kull wieħed u waħda minnkom, ħalli l-Madonna tisma' din it-talba tagħna." Wara li fakkar lill-ġemgħa fil-ferħ li ħass fid-19 ta' Marzu 2003 meta kien qaddes il-quddiesa fil-Girgenti, hu rrakkonta wkoll kif fis-sena 1984 jew 1985, Ġuża Mifsud kienet bagħtitu b'inkwadru kbir tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni għand il-Papa. Kompla jgħid li l-inkwadru flimkien ma xi dokumenti li kien ittraduċa bit-taljan, kien ħallihom f'uffiċċju li kien hemm għal dan il-għan u xi tliet xhur wara kien irċieva telefonata mis-segretarju tan-Nunzju Appostoliku sabiex imur ikellmu. Meta mar, dan qallu li l-affarijiet li kien ħa lill-Papa kienu waslulu kollha. Monsinjur Buontempo qal: "X'inhu l-argument uniku tiegħi? Illi l-Papa sar jaf bil-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Tant sar jaf illi l-kwadru, illum irriżultali u jiena nkarigajt nies biex jgħiduli jekk hux veru jew

le, imma veru żgur, jinsab imdendel f'wieħed mill-kuriduri tal-Vatikan. Kieku kien hemm xi ħaġa ħażina, kieku kien hemm xi ħaġa illi l-Knisja ma taċċettahiex, kien jiktibli u kien jgħidli, 'waqqafha din il-ħaġa', imma ma qalli xejn minn dan kollu.

Dawn huma l-erba' kelmiet li xtaqt nagħmlilkom illejla, biex tikkonvinċu ruħkom, bħalma kkonvinċa ruħu Mons. Arċisqof. Meta Mons. Arċisqof tagħni dan il-permess li nagħmel il-quddiesa, żgur li l-Arċisqof kien jaf x'inhu jagħmel. Nirrakomandalkom minn qalbi, obduh lill-Arċisqof għax min jobdi mhux biss isir qaddis, imma min jobdi jaqla' dak kollu li jixtieq u jaqlagħhom l-affarijiet li jixtieq mhux meta jitlobhom tafux, meta ma jkunx jistenniehom... Uliedi, isimgħu minni, tgħaġġlux, il-mument jiġi meta ma tkunux tistennewh... Hawnhekk bilfors għad irid isir dak li kienet tgħid Ġuża. Ġuża kienet mara qaddisa, kienet mara tajba, kienet mara illi kienet tgħid li tkellimha l-Madonna. Jiena ma għandi l-ebda dubbju li lil Ġuża kienet tkellimha l-Madonna. U jiena nirringrazzja lill-Mulej li laqqagħni magħha għax żgur li għandi min qed jitlob għalija fis-sema..."

## Dun Nazzaren Tonna

Meta ndirizza l-laqgħa, Dun Nazzaren qal hekk: " Jiena llum xtaqt illi nsemmgħalkom ftit ħsibijiet verament għolja ħafna tal-Beatu Dun Ġorġ Preca, il-Beatu li kien jikkomunika ma' l-għażiża oħtna Ġuża, żewġ bnedmin li Alla l-imbierek inqeda bihom sabiex ikunu jistgħu jwasslu il-messaġġ ta' Alla l-imbierek: messaġġ ta' paċi, ta' hena, ta' ferħ, ta' grazzja, ta' sliem, fuq kollox sabiex il-bniedem, huti, jagħraf l-imħabba li Alla għandu għalina u fl-istess ħin ukoll messaġġ li aħna rridu noqogħdu attenti biex ma noffenduhx. L-imħabba t'Alla, ħuti, tant hija kbira għalina.

Jiena llum nixtieq insellem lil Gran Vergni Marija bi kliem ta' Dun Ġorġ, imma pprovajt nirranġah jiena sabiex fil-qosor ġbart l-affarijiet kollha: Jixirqilha Ommna Marija, wara binha Ġesù, kull unur, kull rispett, kull qima, kull imħabba, kull glorja, kull ġieħ... Marija, int l-imżejna b'kull virtu', int l-ikkonsagrata dejjem lil dak li ħalqek u li ried li fil-milja taż-żmien jitwieled minnek u jiġi jgħammar fostna... Marija, Omm il-konsagrazzjoni tagħna, il-ftit ħin li llum ġejna hawn quddiemek, serviena sabiex nesprimulek imħabbitna... Marija, Sultana tal-Konsagrazzjoni, inħossuna llum aktar ħielsa sabiex inħallu lil qlubna juruk x'qegħdin iħossu għalik u sabiex l-att ċkejken ta' konsagrazzjoni nesprimuh fi stqarrija aktar soda tal-fidi tagħna fik... Kif biex iseħħ il-pjan tas-salvazzjoni Alla ried jinqeda mill-bidu sat-tmiem bik, hekk ukoll kien meħtieġ li inti tkun imdaħħla fil-qima tagħna...



Ħuti, nitolbu lill-Madonna ħalli tagħtina l-grazzja li aħna dejjem fejn nistgħu, nippruvaw nitgħallmu fuq Alla, nippruvaw li nikbru fil-fidi tagħna lejn Ġesù Ewkaristija li kienet tant tħobb Ġuża... X'għaqda kbira kellha Ġuża permezz ta' Marija ma' Alla l-imbierek! U għalhekk il-qaddisin, ħuti, il-mewt ma jarawhiex bi kbira. X'hawn isbaħ ħuti, li aħna għal ftit taż-żmien niġu hawnhekk fid-dinja bi prova, ħalli aħna naqdu dmirna tajjeb, ħalli aħna nwettqu x'irid Alla minna... Kulħadd irid jaqdi sewwa, kulħadd irid jagħti s-sehem tiegħu, imma biex nagħtu s-sehem proprju tagħna bl-imħabba, irid ikollna l-imħabba u biex ikollna l-imħabba irid ikollna fidi soda f'Ġesù... Hawn ħafna nies tajba imma l-fidi tagħna hija debboli... Ġuża fuq dan l-aktar li kienet titkellem magħna, li aħna għandna nkunu konvinti li jekk ngħidu li nħobbuha 'l-Madonna veru nħobbuha, u biex inħobbuha rridu nevitaw dak kollu li ma jogħġobx lilha, id-dnub...

Ħuti, aħna rridu noqogħdu attenti għal dak li kienet tgħidilna Ġuża meta kienet tgħid, 'Jiena mhux dak li nħoss jgħodd imma dak li nagħmel'. Miegħi taf x'ser nieħu jiena? Mhux dak li ngħid imma l-opri t-tajba li nkun għamilt... Il-Madonna hija l-akbar omm tagħna, qaddisa. Nitolbuha sabiex tgħinna fit-triq tagħna lejn binha Ġesu, ħalli twarrabna minn dak kollu li huwa ħażin u fl-istess ħin nagħmlu dak kollu li huwa tajjeb. Nirringrazzjawk Madonna ħalli tħenn għalina, tagħtina dak kollu li għandna bżonn, aħna nagħrfu u nħossu l-bżonn li nsalvaw ir-ruħ tagħna ħalli niġu ngawdukom għal dejjem. Ikun imfaħħar Ġesu Kristu."

## Fr. Scerri, Ġiżwita

F'diskors qasir li għamel Fr. Scerri, huwa qal hekk: "Il-Papa qiegħed Spanja u l-Papa *busy* ħafna, għandu ħafna x'jagħmel imma jgħid kuljum ħmistax-il posta rużarju, mhux ħamsa. Għaliex? Għaliex huwa qal, 'Jiena kollni tiegħek Marija'. Il-Madonna kull meta tidher, mhux biss il-Girgenti... kullfejn tidher tgħid, 'Għidu r-rużarju kuljum.' Tinsewx li l-għarajjes ta' Kana stidnuha flimkien ma binha Ġesu u x-xewqa tagħha, jgħidilna Ġesu, hija liġi għalih. Allura, għidu 'Mulej, jiena nixtieq li fil-familja tiegħi indaħħal ir-rużarju mill-ġdid għax ix-xitan ma jridux u ma jħallinix ngħidu, imma jiena nixtieq nerġa ndaħħlu fil-familja ħalli jġibli l-paċi.' Ikun imfaħħar Ġesu Kristu."

Matul din il-laqgħa nstemgħet il-vuċi ta' Ġuża f'silta minn messaġġ li kienet irrekordjat fuq cassette, liema messaġġ jinsab fis-seba' ktieb u li fl-intier tiegħu kien inqara waqt il-laqgħa ta' Frar 1997. Apparti minnhekk saret ukoll il-viżita lill-Madonna, iċ-ċerimonja tal-qanpiena u ntqalu t-talbiet tal-Konsagrazzjoni, ta' San Ġużepp u ta' San Mikiel. Matul il-laqgħa kien hemm ukoll diversi kant marjan. Il-laqgħa spiċċat bil-barka mis-saċerdoti preżenti.

## GLADYS CAMPBELL - APPREZZAMENT

Nhar it-Tnejn 26 ta' Mejju 2003 fis-1.30a.m., il-Mulej laqa' fi ħdanu lil Gladys Campbell sabiex tibda ħajja ġdida, 'l bogħod min-niket u t-tbatija li toffri din id-dinja. Gladys kienet membru ħabbrieki ħafna fi ħdan il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Il-ħeġġa tagħha ma kinitx tidher biss waqt il-laqgħat tal-Kumitat iżda wkoll waqt il-laqgħat ta' talb fil-Girgenti u wkoll meta b'dedikazzjoni kienet titla' takkumpanja pellegrinaggi organizzati b'mod privat.

Id-devozzjoni li kellha lejn il-Madonna u lejn San Ġużepp kienu bla limitu. Waqt il-laqgħat kienet tagħmel kull mezz sabiex it-talba lil San Ġużepp taqraha hi, anka meta bi tbatija kbira telgħet għall-aħħar darba l-Girgenti waqt il-laqgħa ta' l-4 ta' Mejju 2003. Minkejja li l-vuċi tagħha kienet bdiet tbatti sew u kien ikollha tagħmel sforz kbir biex titkellem hija wkoll ma qaditx lura milli tagħti l-kontribut tagħha waqt żewġ programmi fuq il-Girgenti li nstemgħu fuq Dee Jays Radio fit-30 ta' April u fis-7 ta' Mejju 2003.

Nirringrazzjaw kemm lil Alla kif ukoll lill-familja tagħha li ppermettew li Gladys tagħti l-kontribut tagħha f'dawn is-snin. Żgur li qegħda titlob għalina sabiex il-Moviment jkompli dejjem jikber u l-messaġġ tal-Girgenti jixxandar mad-dinja kollha.

Gladys, aħna wkoll ser inkomplu nitolbu għalik sabiex il-Mulej ifittex jagħtik il-mistrieħ ta' dejjem u jagħti s-sabar lill-familja tiegħek. Grazzi Gladys!

## L-ASSEMBLEA ĠENERALI

*Fil-laqgħa tal-21 ta' Settembru 2003, ser issir l-Assemblea Ġenerali biex taħtar Kumitat ġdid għas-snin 2003 - 2006.*

Għaldaqstant, dawk li jħossu li jistgħu b'dedikazzjoni jaħdmu bħala membri tal-Kumitat, għall-ġid tal-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, għandhom jippreżentaw ruħhom bħala kandidati. Dawk interessati għandhom jikkuntattjaw lis-Segretarja jew lil xi membru ieħor tal-Kumitat sabiex jimlew il-formoli neċessarji li wara jiġu approvati mill-Kumitat. Dawn l-applikazzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kumitat mhux aktar tard mis-7 ta' Settembru 2003.



## GRAZZJI MAQLUGĦA

**Gordon Camilleri ta' sitta u għoxrin sena minn Ħal Luqa kiteb hekk:** Waqt li kont f'ħanut mal-mara, ġietni x-xewqa biex l-għada l-Ħadd, immorru sal-Girgenti għax qatt ma konna morna. Kif sebaħ il-Ħadd, 8 ta' Settembru, kelli laptu ma ġenbi u ftakart li kien jum il-*birthday* tal-Madonna. Qbadt il-laptu f'idi u għidtilha, "*Happy Birthday,* Marija". Ftit wara mort għand ommi mal-mara u staqsejtha jekk tafx fejn hi l-Madonna tal-Girgenti. Ma kinitx taf għax kien ilha li marret.

Jiena tant kont determinat li rrid immur li tlabt lill-Madonna sabiex tirkeb magħna fil-karozza u twassalna sal-post. Il-Madonna tassew rikbet magħna, għax għalkemm it-triq ma kontx nafha, xorta sibtha mill-ewwel. Wasalna hemmhekk u għidna r-rużarju. Minn dakinhar bqajt ngħid ir-rużarju kuljum. Kelli santa ta' Ġuża Mifsud u kont ngħid it-talba li hemm fuqha. Imbagħad kont ngħidilha, "Ġuża, ma nafx jekk hux jiena li rrid nitlob għalik, jew inti titlob għalija" għax l-istorja ta' Ġuża ma kontx nafha.

Darba oħra kien il-Ġimgħa, erġajt mort il-Girgenti waħdi. Kelli uġigħ kbir ġo rasi. Kont ilni bih sa minn qabel ma tlajt l-ewwel darba l-Girgenti. Kif kont hemm għidt ir-rużarju waħdi u wara ersaqt lejn il-Madonna u għidtilha, "Ommi Marija, inti taf kemm għandi uġigħ ġo rasi, jekk hu mn'Alla li nibqa' b'dan l-uġigħ kuntent nibqa' bih, għax jien annimal. Meta jkolli bżonn nersaq u meta ma jkollix bżonn malajr inrabbi l-ġwienaħ." Daħħalt idi ġol-vaska, xarrabt moħħi u għidtilha, "Għamel minni dak li trid." Jumejn wara tatni weġgħa kbira u rasi ma baqgħetx tuġgħani aktar.

Sadanittant bqajt immur il-Girgenti regolari u ngħid ir-rużarju. Darba minnhom xtrajt ktieb ta' Ġuża Mifsud fejn hija bdiet titkellem fuq l-importanza tal-konsagrazzjoni. Jiena ħassejt li kienet tkun ta' ġid kbir għalija u għall-familja tiegħi kollha li nikkonsagraw. Għalhekk urejt ix-xewqa tiegħi lill-Kappillan u huwa ġie u għamlilna l-Konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesu u l-Qalb ta' Marija ġewwa d-dar tagħna.

Minn dakinhar ħassejtni devot aktar lejn Ommna Marija Santissima, bdejt inqassam xi santi u laptijiet u bdejt nipprova nħeġġeġ aktar nies biex jgħidu r-rużarju. Għalija r-rużarju huwa l-aqwa arma għal kollox u fl-istess ħin huwa mezz ta' komunikazzjoni ma' Ommna Marija Santissima.

Nixtieq nirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud qalagħli l-grazzja li fiqt minn rasi u fiqt spiritwalment. Nixtieq nirringrazzja lis-Sinjur tagħna Ġesu Kristu li meta kien fuq is-salib tana lil Ommu Marija bħala Ommna li tifhimna f'kull sitwazzjoni u f'kull tiġrib. Viva Ġesu u Viva Marija.